

# L-Imġarr

## Storja, tradizzjoni u tama

FRANK TABONE B.Ed(Hons.) D.E.A.M TEFL

Kont taf li f'Għawdex għandna nies li qatt ma' qasmu l-fliegu bejn Malta u Għawdex?! Kont taf li għandna oħrajn li mhux qasmu huma iżda għax ħaduhom meta kienu żgħar saħansitra trabi għand xi specjalista! Fil-gżira tagħna għandna nies li missirijiethom qasmu l-fliegu minn Ħondoq ir-Rummien u Mġarr ix-Xini u qatt mill-Imġarr jew kif insibuh aħjar ix-Xatt.

Żgur li ma jista' qatt joħroġ ktieb jew xi forma ta' ktejjeb dwar Għajnsielem u saħansitra Għawdex u ma jissemmiex l-Imġarr. Ir-raġuni kulħadd jafha - għax hu l-pulmun, l-arterja prinċipali tal-gżira tagħna.

Iżda fl-imgħoddi mhux minn dejjem kien hekk. Mijiet ta' snin ilu, ħafna qabel il-wasla tal-Kavallieri f'Malta fl-1530, dak li llum nsibuh bħala Ħondoq ir-Rummien kien iċ-ċentru ta' trasport primittiv bejn il-gżejjer Maltin. L-Għawdxin, tabilħaqq, kienu jaqsmu il-fliegu minn wara Kemmuna fuq ċatriet u forom ta' dgħajjes żgħar. Ġeografikament, Ħondoq jiġi sewwasew fil-Lvant tal-gżira u naħseb li mhux b'kumbinazzjoni li dan il-post beda jissejjaħ Qala - post jew port ta' kenn minn fejn titlaq u tasal. Raġuni li xi storiċi jsostnu hu li fi żmien meta s-sibi, jew aħjar is-serq fuq il-baħar, kien ir-regola tal-ġurnata, kien ħafna aktar faċli li wieħed jaqsam minn Ħondoq milli mill-Imgarr jew x-Xatt l-Aħmar.

Il-wasla tal-Kavallieri f'Malta żgur li ġabet ħafna tibdiliet mhux biss fl-arkitettura u fl-istorja tal-pajjiż, iżda wkoll fit-trasport, mezzi ta' trasport u komunikazzjoni. Għall-kuntrarju tal-mexxejja tal-gżejjer ta' qabel, il-Kavallieri riedu l-bażi tagħhom qrib il-baħar, anżi aħjar ngħidu mal-baħar preċiż - riedu port - kelma li tiġbor kollox. Għalhekk telqu mill-Imdina minkejja il-geddum tan-nobbli ta' din il-belt u tefgħu l-ankri fil-Birgu, sewwasew fil-qalba tal-Port il-Kbir. Saħħew id-difiża tal-port bil-bini tal-Kottonera, bnew il-belt futura, Valletta u dawru l-gżejjer b'sistema ta' *alarm* li sejħulhom torrijiet jew batteriji max-xtut kollha.



*It-Torri Garzes*

Għawdex lanqas kien xi eċċezzjoni. Il-Kavallieri, bħal ħafna Maltin kien l-hena tagħhom jitilgħu Għawdex għall-mistrieħ u anki għall-kaċċa, saħansitra l-istess Gran Mastru f'diversi perjodi tas-seklu sittax. Ir-rotta li ħadu l-Kavallieri ma kinitx rotta lejn il-Lvant tal-gżira, iżda aktar lejn ix-Xlokk, f'daqsxejn ta' bajja mrammla b'żewġ għoljiet ċatti. Dawn iż-żewġ għoljiet dritt ġibdu l-attenzjoni tal-Kavallieri tant li fuq l-ewwel waħda, hekk magħrufa bħala Ras it-Tafal, il-kavallier Chambray ħallas minn butu biex jinbena il-Forti li jġib l-istess isem il-familja tiegħu; u fuq l-għolja l-oħra, il-Gran Mastru Martino Garzes, bena t-torri Garzes - żewġ punti ta' difiża li l-istorja tixhed kemm l-Imġarr kien qed jingħata importanza primarja mill-Ordni.

Iż-żmien għadda kif inhu għaddej int u taqra dan l-artiklu... kemm il-forti kif ukoll it-torri li






jħares fuq il-bajja taż-Żewwieqa inbnew iżda ta' l-aħħar illum tlifnieh għal kollox. Dan għaliex waqt il-ħakma Ingliża, ġie ordnat li t-torri jiġi mħott u tinbena l-mina bejn l-Imġarr u Wied il-Kbir. Deċiżjoni li kieku kellha tittieħed illum kienet issib baħar ta' protesti kontrieha u hekk għandu jkun, għax l-istorja u l-wirt storiku jurina min aħna, min fejn ġejna u b'hekk jagħtina identita' kemm lokali, reġjonali u nazzjonali. Iżda ħbieb, meta titkellem dwar l-istorja ma nistgħux nużaw il-moħħ tal-2007, iżda rridu ninżlu fil-qiegħ u nifhmu l-ħtieġa militari tal-ħakma Ingliża f'dawk iż-żminijiet. It-twaqqigħ tat-torri, jekk ma sewa għal xejn, wera l-importanza li l-Ingliżi wkoll bdew jagħtu lill-port ta' l-Imġarr billi jsaħħu l-komunikazzjoni fuq l-art.

Meta is-sibi beda jonqos specjalment bis-sorveljanza kontinwa minn torrijiet mxerrda mal-kosta, fosthom anki tat-torri ta' Santa Marija fuq Kemmuna, l-Għawdxin bdew jaqsmu aktar il-fliegu b'mod aktar regolari tant li min kien imur darba fix-xahar kien bil-kejl ta' dak iż-żmien jinżel ħafna Malta. Kellna għalhekk l-ewwel vapuri tal-passiġġiera u merkanzija. Kif nistgħu qatt ninsew id-dgħajsa tal-Latini - tant ħelwa li isimha u niesha twieldu ħafna minnhom fir-raħal tagħna! Kienet toħroġ filgħodu u tidħol filgħaxija u hemm kont tara s-suq tal-Imġarr jimtela' bil-ġwież u għalf u prodotti oħra li l-Għawdxin kienu jġibu minn Malta. Xi kultant kienu jġibu saħansitra frott u ħaxix meta jsibu prezz tajjeb. Is-suq illum ukoll baxxa rasu għall- mixja tas-snin u għalhekk illum ma nistgħux narawh. Kien sewwa sew fejn il-port ż-żgħir jew il-qadim fejn l-baħħara kienu jistkennu meta jidħlu f'xi lejla xitwija u b'riħ jonfoħ bil-qawwi.

Iżda l-istorja ta' l-Imġarr mhux kollha ward u żahar. Mumenti *flash* juruna l-attakki fi żmien it-Tieni Gwerra Dinija, l-għarqa tar-Royal Lady, it-tkissir tal-Barrakka u n-nies tax-Xatt jiġru biex jistkennu ġox-xelters ta' taħt ta' Lourdes; ma nistgħux ninsew qatt dak li ġara fit-30 ta' Ottubru 1948 meta missirijietna ħallewna fi triqithom lejn l-Imġarr. Lanqas nistgħu qatt ninsew waħda mill-eqqel maltempati li qatt ra Għajnsielem meta fl-1957 il-vapur bl-isem tal-Bancinu qata' il-ħbula u spiċċa mkisser fil-blat taż-Żewwieqa bit-telfa kbira ta' l-istess għassies.

Illum fis-seklu 21, għad hemm ħafna xi jsir biex l-Imġarr nżommulu mhux biss l-identita' Għawdxija iżda norbtuh aktar ma' l-isem tar-raħal tagħna Għajnsielem. Huwa tal-mistħija t-tniġġis, nuqqas ta' indafa pubblika, nuqqas ta' ordni fil-mollijiet kif ukoll fiż-Żewwieqa u fil-Marina. Żgur li hemm bżonn aktar dixxiplina sabiex kull min juża dan l-imkien sew jekk inhu ħaddiem, sajjied, sid ta' ħanut jew restorant, sidien ta' jottijiet jew xufiera jkollhom regoli ċari ta' kif għandna nżommu dan l-ambjent nadif.

Iżda l-aktar ħaġa li nara nieqsa hi żgur li għalkemm Għajnsielem hu l-aktar raħal f'Għawdex bi storja marittima kbira marbuta ma' l-Imġarr, huwa nieqes minn mużew marittimu. Kemm tkun idea nobbli kieku kellna nibdew nagħmlu kollezzjoni ta' materjal, oġġetti, ritratti qodma li żgur huma ħafna fid-djar tagħna f'Għajnsielem, u min jaf għada pitgħada jkollniex mużew li jagħmel ġid u isem lir-raħal u fl-istess ħin iservi ta' anki għajnuna finanzjarja żgħira sabiex inkomplu nsebbħu aktar ir-raħal. Mużew Marittimu f'Għajnsielem jkun verament il-mużew fejn suppost ikun - l-imkien fejn seħħet l-istorja tagħna. Tgħiduli faċli tgħid u hekk hu, iżda jekk ma tibdiex, ma tispiċċax.

L-Imġarr hu tiegħi u tiegħek... hu parti essenzjali mill-ħajja tagħna f'Għajnsielem u vettrina għall-gżira tagħna. Nibżgħu għalih, nżommuh nadif u nagħtuh l-ordni li tistħoqqlu għax hu biss iġibilna tbissima bid-dehra tiegħu u tal-knejjes sbieħ t'Għajnsielem kull meta niġu mis-safar jew minn Malta.

